**KUNSILL LOKALI LIJA**
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

# MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## IS-SITT KUNSILL

## SEDUTA NRU 36 – L-ERBGĦA 28 TA' MARZU 2012

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija fil-5.00 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Jeremy Anthony Dalli | Kunsillier |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Dr Marc Sant | Kunsillier |
| | Is-Sur Alfred Buhagiar | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

## 1. IL-KUNSIDERAZZJONI U L-APPROVAZZJONI TAL-MINUTI NUMRU 35

1.1 Il-minuti numru 35 inqraw u wara li kienu approvati, tlieta favur – is-Sindku Dr Ian Castaldi Paris, is-Sinjura Magda Magri Naudi u s-Sur Jeremy Anthony Dalli, u tnejn kontra – is-Sinjorina Lorraine Farrugia u Dr Marc Sant, ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Proposti mis-Sinjura Magda Magri Naudi, sekondati mis-Sur Jeremy Anthony Dalli.

1.2 Lista ta' pagamenti annessa ġiet approvata fuq proposta tas-Sinjura Magda Magri Naudi sekondata mis-Sur Jeremy Anthony Dalli.

## 2. IL-PUBLIC PRIVATE PARTNERSHIP – IT-TOROQ

2.1 Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, stieden lill-Perit John Rizzo Naudi, li huwa l-*Contract Manager* tal-Kunsill, jagħti tagħrif dettaljat dwar ix-xogħlijiet li għandhom x'jaqsmu mal-PPP – Toroq.

2.2 Il-Perit John Rizzo Naudi spjega b'mod dettaljat il-fazijiet tax-xogħlijiet fi Triq Annibale Preca, li kienet it-tielet Triq ta' dan il-proġett.

2.3 Il-Kunsilliera għamlu diversi mistoqsijiet u nsistew mal-Perit biex dan jiżgura li l-Kuntrattur, Polidano Brothers Ltd., jieħu ħsieb ċerti tiswijiet li għandhom isiru sabiex ix-xogħol ikun komplut.

2.4 Il-Perit John Rizzo Naudi għandu jieħu ħsieb joħrog iċ-ċertifikat tax-xogħlijiet kollha sabiex il-Kunsill ikun jista' jinforma lid-Dipartiment li l-proġett huwa lest ħalli jkun jista' jingħata l-fondi meħtieġa biex jitħallas l-40% tat-total dovut, meta l-proġett ikun tlesta, skont il-ftehim fill-kuntratt kif hemm indikat fl-offerta.

2.5 Il-Kunsilliera tkellmu wkoll dwar il-multa li għandha titħallas mill-Kuntrattur, Polidano Brothers Ltd., minħabba id-dewmien biex il-proġett tlesta. Dan l-ammont għandu jinħadem mill-Perit John Rizzo Naudi u jiġi approvat mill-Kunsill fil-laqgħa li jmiss.

2.6 Għar-raġuni li kien għadda l-ħin, il-Kunsill qabel li għandhu jiltaqa' mal-Perit biex dan ikompli jispjega aktar fid-dettall ix-xogħlijiet f'ġurnata oħra.

2.7 Dwar tiswijiet ta' trinka u 'patching' quddiem il-Knisja tal-Mirakli, il-Kunsill għandu jieħu deċiżjoni aktar 'il quddiem meta jkollu kwotazzjoni aktar preċiża dwar dan ix-xogħol.

## 3. ĠESTJONI TAT-TRAFFIKU

3.1 Il-Viċi Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi, ressqet quddiem il-Kunsill ittra dettaljata dwar diversi suġġerimenti li kienu studjati flimkien mas-Sur Hugh Arnett li huwa l-Konsulent tat-traffiku.

3.2 Dawn is-suġġerimenti ġew diskussi mill-Kunsill u ġie deċiż li dawn jintbagħtu lill-Awtorita' tat-Transport għall-approvazzjoni.

3.3 Il-Kunsill għandu jinsisti mal-Perit John Rizzo Naudi biex dan jipprepara l-pjanta meħtieġa ta' Triq Annibale Preca bid-dettalji tas-sinjali tat-traffiku li għandhom isiru f'din it-Triq biex din tkun ippublikata għas-suġġerimenti tar-residenti qabel ma titressaq quddiem l-Awtorita' tat-Transport għall-approvazzjoni.

## 4. ATTIVITAJIET KULTURALI

- **ĦARĠA TA WIRI TA' VARI TAL-ĠIMGHA L-KBIRA**

a. Il-Kunsill approva li issir ħarġa kulturali nhar l-Erbgħa 4 ta' April 2012 għar-residenti ta' Ħal Lija.

b. Ir-residenti se jkollhom l-opportunita' jzuru l-knejjes tat-tliet ibliet – Bormla, l-Isla, u l-Birgu – li għandhom vari tal-Ġimgħa l-Kbira li huma attrazzjoni pubblika sabiħa f'dawn iż-żminijiet.

c. Fil-jiem li ġejjin se titqassam ċirkulari bid-dettalji ta' din l-attivita' lir-residenti.

## 5. IL-FULJETT – 'VILLA LIJA'

5.1 Il-Viċi Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi, issuġġeriet biex il-ħarġa li jmiss tal-fuljett, 'Villa Lija', tkun stampata bill-kollaborazzjoni tal-Kunsill flimkien ma' Monsinjur Dun Gużepp Fenech.

5.2 Għalkemm il-Kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment, id-deċiżjoni għandha titieħed meta tinġieb aktar informazzjoni u dettalji.

## 6. TRIQ ĠUZEPPI CALI'

6.1 Il-Kunsill approva biex fil-parti ta' Triq Ġużeppi Cali' li għadha mhux asfaltata, jitpoġġa materjal ta' żrar fit-toqob kbar li huma perikolużi għar-residenti bħala rimedju temporanju sakemm din it-Triq tkun rekonstruita mill-Gvern Ċentrali.

## 7. APPARAT TAL-KUNSILL

7.1 Il-Kunsill approva biex jinġabru kwotazzjonijiet biex tinxtara *photocopier*. Dawn għandhom jitressqu quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni fil-laqgħa li jmiss.

## 8. KORREZJONI TA' DOKUMENT

8.1 Is-Sindku, Dr Ianm Castaldi Paris, ġibed l-attenzjoni dwar id-data fuq l-ittra ta' approvazzjoni tar-Rapport tal-*Performance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar, li intbagħtet lid-Direttur tal-Kunsill Lokali.

8.2 Din id-data qed tkun ikoreġuta u flok it-30 ta' Jannar 2012 għandha tkun il-31 ta' Jannar 2012.

## 9. IL-LAQGĦA

a. Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 24 ta' April 2012 fil-5.30 p.m..

Il-laqgħa ntemmet fis-7.15 p.m..

| | |
|---|---|
| Dr Ian Castaldi Paris | Alfred Buhagiar |
| Is-Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |